

Brussell, 4 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12460/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0809 (NLE)

COLAC 137
POLCOM 221
SERVICES 53
FDI 48

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	3 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 809 annex.

Mehmuż: COM(2025) 809 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.9.2025
COM(2025) 809 final

ANNEX 1 – PART 1/4

ANNESI

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Strateġika Politika, Ekonomika u ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti tal-Messiku, min-naħa l-oħra

FTEHIM TA' SĦUBIJA STRATEĠIKA
POLITIKA, EKONOMIKA U TA' KOOPERAZZJONI
BEJN L-UNJONI EWROPEA
U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA WAĦDA,
U L-ISTATI UNITI TAL-MESSIKU, MIN-NAĦA L-OĦRA

PREAMBOLU

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENTU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħin l-“Istati Membri”,

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa “l-Unjoni” jew “l-UE”,

minn naħa waħda, u

l-Istati Uniti tal-Messiku, minn hawn 'il quddiem imsejħin “il-Messiku”,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħin flimkien “il-Partijiet”,

FILWAQT LI JQISU r-rabtiet kulturali, politiċi u ekonomiċi b'saħħithom li jgħaqqduhom;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom favur il-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, u favur il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva, li jikkostitwixxu l-bażi għas-sħubija u għall-kooperazzjoni tagħhom;

FILWAQT LI HUMA KONXJI tal-kontribut sinifikanti għat-tisħiħ ta' dawk ir-rabtiet magħmul mill-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, iffirmit fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 1997;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-impenn konġunt tagħhom espress fid-Dikjarazzjoni ta' Santiago tas-27 ta' Jannar 2013 sabiex jiġi mmodernizzat u ssostitwit il-Ftehim eżistenti dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Koperazzjoni sabiex jiġu riflessi r-realtajiet politiċi u ekonomiċi l-ġodda u l-avvanzi li saru fis-sħubija strateġika tagħhom;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW li l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Messiku (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-UE u l-Messiku"), li jistabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Messiku, ġie ffirmit fi [X];

FILWAQT LI JENFASIZZAW in-natura komprensiva tar-relazzjoni tagħhom u l-importanza li jiġi pprovdut qafas koerenti għall-promozzjoni ulterjuri tagħha;

FILWAQT LI JAFFERMAW l-istatus tagħhom bħala sħab strateġiċi u d-determinazzjoni tagħhom li jkomplu jtejbu u japprofondixxu s-sħubija tagħhom u l-kooperazzjoni u d-djalogu internazzjonali tagħhom sabiex javvanzaw l-interessi u l-valuri kondiviżi tagħhom;

FILWAQT LI JAFFERMAW l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet bilaterali, reġjonali, bireġjonali u internazzjonali ta' tħassib komuni;

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu l-importanza ta' sistema multilaterali b' saħħha u effettiva, ibbażata fuq id-dritt internazzjonali, fil-preservazzjoni tal-paċi, fil-prevenzjoni tal-kunflitti u fit-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali u fl-indirizzar ta' sfidi komuni;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jespandu u li jiddiversifikaw ir-relazzjoni kummerċjali tagħhom f'konformità mal-Ftehim ta' Marrakesh li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim tad-WTO”) u l-oġettivi u d-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fil-Parti III ta' dan il-Ftehim;

FILWAQT LI HUMA KONVINTI li dan il-Ftehim se jgħloq klima li twassal għall-relazzjonijiet ekonomiċi sostenibbli bejniethom li qed jikbru, b' mod partikolari f' termini ta' kummerċ u ta' investiment, li huma essenzjali għall-milja tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali u tal-innovazzjoni u tal-modernizzazzjoni teknoloġiċi;

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jiproteġu l-investimenti u lill-investituri, u huma maħsubin sabiex jistimolaw attività ta' negozju ta' benefiċċju reċiproku mingħajr ma jimminaw id-dritt tal-Partijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku fit-territorji tagħhom;

FILWAQT LI JILQGĦU l-adozzjoni tar-Risoluzzjoni 70/1 adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015 li fiha d-dokument ta' eżitu "Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenda 2030"), tal-Ftehim ta' Pariġi skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li sar f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2015 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Pariġi"), kif ukoll tal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, adottat matul it-Tielet Konferenza Dinjija tan-NU f'Sendai fit-18 ta' Marzu 2015, tal-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa matul it-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, adottata f'Addis Ababa fit-13-16 ta' Lulju 2015, tal-Impenji tas-Summit Umanitarju Dinji, adottati fis-Summit Umanitarju Dinji f'Istanbul fit-23-24 ta' Mejju 2016, u tal-Aġenda Urbana l-Ġdida, adottata matul il-Konferenza tan-NU dwar l-Akkomodazzjoni u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli (Habitat III) f'Quito fl-20 ta' Ottubru 2016 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Aġenda Urbana l-Ġdida"), u filwaqt li jappellaw għall-implimentazzjoni rapida tagħhom;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jegħlbu l-isfidi globali billi jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu, billi jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (minn hawn 'il quddiem imsejħin l-"SDGs") u tal-miri tal-Aġenda 2030;

FILWAQT LI JAFFERMAW l-impenn tagħhom li jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja, tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertà u tas-sigurtà;

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu l-benefiċċji reċiproċi ta' kooperazzjoni msaħħa fl-oqsma tal-edukazzjoni, tal-kultura, tar-riċerka u tal-innovazzjoni u f'oqsma oħrajn ta' interess komuni;

FILWAQT LI JAFFERMAW MILL-ĠDID l-impenn tagħhom li jippromwovu l-kummerċ internazzjonali b'tali mod li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu, permezz ta' sħubijiet li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi s-soċjetà ċivili u s-settur privat, u li jimplementaw dan il-Ftehim b'mod konsistenti mal-liġijiet rispettivi tagħhom u mal-impenji internazzjonali dwar ix-xogħol u l-ambjent;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-importanza tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet ekonomiċi, kummerċjali u ta' investiment tagħhom, u tal-promozzjoni tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investiment bejniethom, sabiex iġibu t-tkabbir ekonomiku, jgħolqu opportunitajiet għodda għall-ħaddiema u għall-komunitajiet kummerċjali ta' kull Parti, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li dan il-Ftehim jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-benessri tal-konsumatur u għall-iżgurar ta' livell għoli ta' standards tal-għajxien u ta' protezzjoni tal-konsumatur;

FILWAQT LI JĦEĠĠU lill-intrapriżi li joperaw fit-territorju tagħhom jew li huma soġġetti għall-ġuriżdizzjoni tagħhom sabiex jirrispettaw il-linji gwida u l-prinċipji ta' responsabbiltà soċjali korporattiva rikonoxxuti internazzjonalment, inklużi l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, u sabiex isegwu l-aħjar prattiki ta' mgħiba responsabbli fin-negozju;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jippreservaw id-dritt tal-Partijiet li jirregolaw fit-territorji tagħhom f'konformità mal-leġislazzjoni interna tagħhom u l-flessibbiltà tal-Partijiet li jilhqgju objettivi ta' politika leġittimi, bħas-saħħa pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-morali pubblika u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali, fost l-oħrajn;

FILWAQT LI JIRRIKONOXxu l-importanza tat-trasparenza, tal-governanza tajba u tal-istat tad-dritt fil-kummerċ u fl-investment internazzjonali għall-benefiċċju tal-partijiet ikkonċernati kollha;

FILWAQT LI HUMA DEĊIŻI li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u għall-espansjoni armonjuża tal-kummerċ u tal-investment internazzjonali billi jneħħu l-ostakli għalihom permezz ta' dan il-Ftehim u li jevitaw li joħolqu ostakli ġodda għall-kummerċ jew għall-investment bejn il-Partijiet li jistgħu jnaqqsu l-benefiċċji ta' dan il-Ftehim;

FILWAQT LI JINNOTAW li fil-każ li l-Partijiet jiddeċiedu, fil-qafas ta' dan il-Ftehim, li jidħlu fi ftehimiet speċifiċi fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li jistgħu jiġu konklużi mill-Unjoni skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), id-dispożizzjonijiet ta' tali ftehimiet speċifiċi futuri ma jkunux jorbtu lill-Irlanda sakemm l-Unjoni, simultanjament mal-Irlanda fir-rigward tar-relazzjonijiet bilaterali preċedenti tagħhom, ma tinnotifikax lill-Messiku li l-Irlanda ntrabtet b'tali ftehimiet speċifiċi futuri bħala parti mill-Unjoni f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") u mat-TFUE. Bl-istess mod, kwalunkwe miżura interna sussegwenti tal-Unjoni li tista' tiġi adottata skont it-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ma torbotx lill-Irlanda, sakemm din ma tkunx innotifikat ix-xewqa tagħha li tiegħu sehem f'tali miżuri jew li taċċettahom f'konformità mal-Protokoll Nru 21. Filwaqt li jinnotaw ukoll li, tali ftehimiet speċifiċi futuri jew miżuri interni sussegwenti tal-Unjoni jkunu jaqgħu taħt il-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-TUE u mat-TFUE,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

PARTI I¹

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

ARTIKOLU 1

Objettivi tal-Ftehim

L-objettivi ta' dan il-Ftehim għandhom ikunu li:

- (a) jistabbilixxi sħubija strateġika msaħħa, isaħħaħ id-djalogu politiku, u japprofondixxi u jtejjeb il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku;
- (b) irawwem aktar kummerċ u investiment bejn il-Partijiet billi jespandi u jiddiversifika r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali tagħhom, li għandu jikkontribwixxu għal tkabbir ekonomiku oġġla u aktar sostenibbli u għal kwalità tal-ħajja mtejjba.

¹ Meta dispożizzjoni ta' din il-Parti jkun fiha referenza għal dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, dik ir-referenza tkun għal dispożizzjoni oħra ta' din il-Parti, sakemm ma jkunx indikat espliċitament mod ieħor.

ARTIKOLU 2

Prinċipji Ġenerali

1. Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali, kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fi strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem li huma parti għalihom, u għall-prinċipju tal-istat tad-dritt, huwa l-bażi tal-politiki interni u internazzjonali taż-żewġ Partijiet u jikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.
2. Il-Partijiet jikkonfermaw l-appoġġ b'saħħtu tagħhom għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti (minn hawn 'il quddiem imsejħa n-“NU”).
3. Il-Partijiet jikkondividu l-fehma li l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u tal-mezzi tat-twassil tagħhom kemm lil atturi statali kif ukoll lil atturi mhux statali tippreżenta theddida kbira għall-istabbiltà u għas-sigurtà internazzjonali.
4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-moviment mhux ikkontrollat tal-armi konvenzjonali huwa theddida għall-paċi, għas-sigurtà u għall-istabbiltà internazzjonali u reġjonali u jirrikonoxxu wkoll il-ħtieġa ta' kooperazzjoni sabiex jiġi żgurat it-trasferiment responsabbli tal-armi konvenzjonali.
5. Il-Partijiet jafferma mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, għall-kontribut għall-ilħuq tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli maqbulin fuq livell internazzjonali, u għall-kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali globali.

6. Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-għoti tas-setgħa lin-nisa u lill-bniet.
7. Il-Partijiet jafferemaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jiġġieldu d-diskriminazzjoni fuq kwalunkwe bażi, inkluż il-ġeneru, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.
8. Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom li jimplimentaw dan il-Ftehim fuq il-bażi ta' valuri kondiviżi inklużi l-prinċipji ta' dialogu, ta' rispett reċiproku, ta' sħubija uguali, ta' multilateraliżmu, ta' kooperazzjoni u ta' rispett għad-dritt internazzjonali.

PARTI II²

DJALOGU POLITIKU U KOOPERAZZJONI

KAPITOLU 1

DJALOGU POLITIKU, PAĊI INTERNAZZJONALI U SIGURTÀ

ARTIKOLU 1.1

Djalogu Politiku

1. Il-Partijiet għandhom isaħħu d-djalogu politiku u l-kooperazzjoni tagħhom fil-livelli kollha, permezz ta' skambji u konsultazzjonijiet dwar kwistjonijiet bilaterali, reġjonali, bireġjonali, internazzjonali u multilaterali.
2. Id-djalogu politiku għandu jkollu l-għan li:
 - (a) jippromwovi l-iżvilupp ta' relazzjonijiet bilaterali u jsaħħaħ is-sħubija strateġika;
 - (b) isaħħaħ il-kooperazzjoni dwar sfidi u kwistjonijiet reġjonali, subreġjonali u internazzjonali.

² Meta dispożizzjoni ta' din il-Parti jkun fiha referenza għal dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, dik ir-referenza tkun għal dispożizzjoni oħra ta' din il-Parti, sakemm ma jkunx indikat espliċitament mod ieħor.

3. Id-djalogu politiku bejn il-Partijiet jista' jsir fil-forom li ġejjin, kif miftiehem reċiprokament:

- (a) konsultazzjonijiet, laqgħat u żjarat fil-livell ta' summits;
- (b) konsultazzjonijiet, laqgħat u żjarat fil-livell ministerjali;
- (c) laqgħat regolari ta' uffiċjali għoljin, inkluż Djalogu Politiku ta' Livell Għoli;
- (d) djalogi settorjali dwar kwistjonijiet ta' interess komuni;
- (e) skambji ta' delegazzjonijiet u kuntatti oħrajn bejn il-Kungress tal-Messiku u l-Parlament Ewropew;
- (f) kwalunkwe formola oħra miftiehma mill-Partijiet.

ARTIKOLU 1.2

Prinċipji Demokratiċi, Drittijiet tal-Bniedem u Stat tad-Dritt

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fuq il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż fir-rigward tar-ratifika u tal-implimentazzjoni ta' strumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, u fuq it-tiżiħ tal-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha.

2. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:

- (a) it-trawwim ta' djalogu sinifikattiv u mifruż dwar id-drittijiet tal-bniedem;
- (b) l-appoġġ għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem;
- (c) il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-edukazzjoni u l-kooperazzjoni;
- (d) it-tisħiħ ta' istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali relatati mad-drittijiet tal-bniedem;
- (e) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Korpi tat-Trattat dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u mal-Proċeduri Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tagħhom;
- (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet tan-NU relatati mad-drittijiet tal-bniedem u mal-fora reġjonali u multilaterali rilevanti;
- (g) it-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li japplikaw prinċipji u prattiki demokratiċi;
- (h) it-tisħiħ ta' governanza tajba, indipendenti u trasparenti fil-livelli lokali, nazzjonali, reġjonali u globali, il-promozzjoni tar-responsabbiltà u tat-trasparenza tal-istituzzjonijiet u l-appoġġ għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u għall-involviment tas-soċjetà ċivili;
- (i) il-kollaborazzjoni u l-koordinazzjoni, meta xierqa, inkluż f'pajjiżi terzi, sabiex jissaħħu l-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

- (j) it-trawwim tal-universalità tat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-tħeġġiġ ta' Stati oħrajn sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom f'dan il-qasam;
- (k) il-ħidma sabiex tiġi evitata l-impunità għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

ARTIKOLU 1.3

L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-Tiŝiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa, il-Paċi, Is-Sigurtà u l-Iżvilupp Sostenibbli

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiŝiħ tal-pożizzjoni tan-nisa. Huma jirrikonoxxu n-neċessità tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiŝiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet bħala prekondizzjoni sabiex jinkisbu bis-siġġ l-iżvilupp sostenibbli u inklużiv, id-demokrazija u s-sigurtà. Il-Partijiet għandhom jesploraw ulterjorment skemi ta' kooperazzjoni u sinerġiji potenzjali bejn il-politiki u l-inizjattivi rispettivi, f'konformità mal-istandards u mal-impenji internazzjonali bħall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Diċembru 1979 (CEDAW), mar-rakkomandazzjonijiet ġenerali magħmulin mill-Komitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, mal-Aġenda 2030 u mar-Risoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u mar-Risoluzzjonijiet sussegwenti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà.

2. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:

- (a) it-trawwim tal-integrazzjoni effettiva tal-perspettiva tal-ġeneri;
- (b) l-appoġġ għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali dwar ir-Risoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;
- (c) il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u tat-tmexxija politika tan-nisa, kif ukoll l-aċċess tagħhom għal edukazzjoni ta' kwalità, l-emanċipazzjoni u t-tmexxija ekonomika tagħhom, u ż-żieda fil-parteċipazzjoni tagħhom fil-forza tax-xogħol;
- (d) it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet nazzjonali u reġjonali permezz ta' miżuri speċifiċi sabiex jindirizzaw u jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inklużi l-prevenzjoni u l-protezzjoni minn vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru, mekkaniżmi ta' investigazzjoni u ta' akkontabilità, l-appoġġ lill-vittmi u l-promozzjoni tal-kundizzjonijiet tas-sikurezza u tas-sigurtà għan-nisa u għall-bniet;
- (e) it-tisħiħ attiv tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa, inkluż minn kwalunkwe tip ta' diskriminazzjoni u ta' vjolenza kontrihom u l-iżgurar tal-aċċess tagħhom għall-ġustizzja;
- (f) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-korpi rilevanti tan-NU u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn;
- (g) il-promozzjoni attiva tal-analiżi tal-ġeneru u l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ġeneru fil-kwistjonijiet kollha relatati mal-paċi u mas-sigurtà filwaqt li jiġu żgurati t-tmexxija u l-parteċipazzjoni sinifikattiva tan-nisa fil-proċessi tal-paċi, fl-isforzi ta' medjazzjoni, fir-risoluzzjoni tal-konflitti u fil-konsolidament tal-paċi kif ukoll fil-missjonijiet u fl-operazzjonijiet ċivili u militari.

ARTIKOLU 1.4

Ġlieda kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva

1. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u tal-mezzi tat-twassil tagħhom, kemm lil atturi statali kif ukoll lil oħrajn li ma humiex, hija waħda mill-aktar theddidiet serji għall-istabbiltà u għas-sigurtà internazzjonali. Għalhekk, il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u tal-mezzi tat-twassil tagħhom permezz ta' konformità sħiħa mal-obbligi eżistenti tagħhom skont it-trattati u l-ftehimiet dwar id-diżarm internazzjonali u n-nonproliferazzjoni u obbligi internazzjonali oħrajn li huma rilevanti u permezz tal-implimentazzjoni nazzjonali ta' dawn. Il-Partijiet jaqblu li din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u tal-mezzi tat-twassil tagħhom billi:

- (a) jieħdu passi sabiex jiffirmaw, jirratifikaw jew jaderixxu mal-istrumenti internazzjonali rilevanti, kif xieraq, u jimplimentawhom bis-sħiħ;
- (b) jistabbilixxu u jżommu sistema effettiva ta' kontrolli nazzjonali tal-esportazzjoni, filwaqt li jikkontrollaw l-esportazzjoni kif ukoll it-tranżitu ta' oġġetti li huma relatati mal-AQM, inklużi l-kontroll tal-użu aħħari tal-AQM fuq it-teknoloġiji b'użu doppju u sanzjonijiet effettivi għall-ksur tal-kontrolli tal-esportazzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu djalogu politiku regolari sabiex jakkumpanja u jikkonsolida dawn l-elementi.

ARTIKOLU 1.5

Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir u Armi Konvenzjonali oħrajn

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-manifattura, it-trasferiment u ċ-ċirkolazzjoni illeċiti ta' armi ħfief u ta' kalibru żgħir (SALW), inklużi l-munizzjon, il-partijiet u l-komponenti tagħhom, u l-akkumulazzjoni eċċessiva, il-ġestjoni ħażina, il-ħażniet mhux assigurati sewwa u t-tixrid mhux ikkontrollat tagħhom, ikomplu joħolqu theddida serja għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali.
2. Il-Partijiet għandhom josservaw u jimplimentaw kompletament l-obbligi rispettivi tagħhom sabiex jindirizzaw il-kummerċ illeċitu ta' SALW, inklużi l-munizzjon, il-partijiet u l-komponenti tagħhom, skont ftehimiet internazzjonali u riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU eżistenti, kif ukoll l-impenji tagħhom fil-qafas ta' strumenti internazzjonali oħrajn applikabbli f'dan il-qasam, bħall-Programm ta' Azzjoni għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu tal-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu.
3. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' sistemi ta' kontroll domestiku għat-trasferiment ta' armi konvenzjonali f'konformità ma' standards internazzjonali eżistenti. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li japplikaw dawn il-kontrolli b'mod responsabbli, bħala kontribut għall-paċi, għas-sigurtà u għall-istabbiltà internazzjonali u reġjonali, u għat-tnaqqis tat-tbatija tal-bnedmin, kif ukoll għall-prevenzjoni tad-diverżjoni ta' armi konvenzjonali.

4. Il-Partijiet għandhom jimplimentaw bis-sħiħ it-Trattat dwar il-Kummerè tal-Armi, adottat fi New York fit-2 ta' April 2013 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-“ATT”), u għandhom jikkooperaw ma' xulxin fil-qafas tal-ATT, inkluż fil-promozzjoni tal-universalizzazzjoni tal-ATT għall-Istati Membri kollha tan-NU u fl-implimentazzjoni sħiħa mill-Istati Partijiet kollha tal-Istati.

5. Għalhekk, il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiżguraw il-koordinazzjoni, il-kumplimentarjetà u s-sinerġija fl-isforzi tagħhom sabiex jirregolaw jew itejbu r-regolamentazzjoni tal-kummerè internazzjonali f'armi konvenzjonali u sabiex jiġi pprevenut, miġġieled u jinqered il-kummerè illeċitu f'armi konvenzjonali, inklużi l-munizzjon, il-partijiet u l-komponenti tagħhom.

6. Il-Partijiet għandhom jistabbilixxu djalogu politiku regolari sabiex jakkumpanja u jikkonsolida l-kwistjonijiet koperti minn dan l-Artikolu.

ARTIKOLU 1.6

Qorti Kriminali Internazzjonali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-aktar reati serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali ma jistgħux ma jiġux ikkastigati u għandhom jagħmlu hilitom sabiex jiżguraw li dawk ir-reati jiġu investigati u mħarrka b'mod effettiv billi jieħdu miżuri fil-livell nazzjonali u billi jsaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż mal-Qorti Kriminali Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-“QKI”).

2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu r-ratifika universali jew l-adeżjoni mal-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-Istatut ta' Ruma"), u għandhom jaħdmu lejn l-implimentazzjoni domestika effettiva tiegħu mill-Istati Partijiet għall-QKI. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw, kif xieraq, l-aħjar prattiki dwar l-adozzjoni tal-liġijiet domestiċi u għandhom jieħdu miżuri sabiex jissalvagwardjaw l-integrità tal-Istatut ta' Ruma.

ARTIKOLU 1.7

Ġlieda Kontra t-Terroriżmu

Il-Partijiet jafferaw mill-ġdid l-importanza tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u, f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali, mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU u mal-liġijiet u mar-regolamenti rispettivi tagħhom, għandhom jikkooperaw, kif miftiehem b'mod reċiproku, fil-prevenzjoni u fis-soppressjoni ta' atti ta' terroriżmu. Għandhom jagħmlu dan b'mod partikolari:

- (a) fil-qafas tal-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tar-Riżoluzzjoni 1373 (2001) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u ta' riżoluzzjonijiet tan-NU u ta' strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn;
- (b) billi jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri tan-NU sabiex jimplimentaw b'mod effettiv l-Istrateġija Globali Kontra t-Terroriżmu tan-NU adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-8 ta' Settembru 2006;

- (c) billi jiskambjaw informazzjoni dwar gruppi terroristiċi u n-networks ta' appoġġ tagħhom f'konformità mad-dritt internazzjonali u domestiku; u
- (d) billi jiskambjaw esperjenzi dwar il-mezzi u l-metodi użati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, inkluż l-għarfien u t-taħriġ tekniċi u billi jiskambjaw l-aħjar prattiki fil-prevenzjoni tat-terroriżmu.

ARTIKOLU 1.8

Żamma tal-Paċi u Ġestjoni tal-Kriżijiet

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-promozzjoni tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali. Għandhom jesploraw possibbiltajiet sabiex jikkoordinaw attivitajiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet, inkluża l-kooperazzjoni f'operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet.

ARTIKOLU 1.9

Sigurtà taċ-Ċittadini

Il-Partijiet għandhom jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar is-sigurtà taċ-ċittadini. Huma jirrikonoxxu li s-sigurtà taċ-ċittadini għandha dimensjoni nazzjonali, tranżnazzjonali, reġjonali u subreġjonali li teħtieġ djalogu u kooperazzjoni usa'.

KAPITOLU 2

KOOPERAZZJONI F'ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI U REĠJONALI

ARTIKOLU 2.1

Organizzazzjonijiet Internazzjonali

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-multilateraliżmu u għandhom jikkooperaw billi jiskambjaw fehmiet u, fejn xieraq, jikkoordinaw pożizzjonijiet f'organizzazzjonijiet u f'fora internazzjonali, inklużi n-NU u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-“WTO”), il-Grupp tal-Għoxrin (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “G20”), u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“OECD”).
2. Il-Partijiet għandhom iżommu mekkaniżmi effettivi ta' konsultazzjoni fil-marġini tal-fora multilaterali. Il-Partijiet għandhom iżommu djalogu miftuħ u kontinwu fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, fl-Assemblea Ġenerali tan-NU u, kif xieraq u miftiehem mill-Partijiet, f'organi u f'aġenziji speċjalizzati oħrajn tan-NU.

ARTIKOLU 2.2

Organizzazzjonijiet Reġjonali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw billi jiskambjaw fehmiet dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, u, meta xieraq, billi jaqsmu informazzjoni dwar pożizzjonijiet f'organizzazzjonijiet u f'fora reġjonali u subreġjonali.
2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni bireġjonali, inkluż fil-qafas tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (minn hawn 'il quddiem imsejħin "CELAC"). Il-kooperazzjoni tista', kif ikun xieraq, tinkludi appoġġ għall-integrazzjoni u għall-bini komunitarju tas-CELAC.
3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni fl-Alleanza tal-Paċifiku, permezz tal-qafas tagħha għall-Istati osservaturi.
4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni reġjonali u triangolari ma' pajjiżi terzi, prinċipalment fl-Amerka Ċentrali u fil-Karibew.

KAPITOLU 3

LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

ARTIKOLU 3.1

Kooperazzjoni Legali u Ġudizzjarja

1. Il-Partijiet għandhom itejbu l-kooperazzjoni eżistenti dwar l-assistenza legali reċiproka u l-estradizzjoni fuq il-bażi tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-mekkaniżmi eżistenti u, kif xieraq, jikkunsidraw l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ġodda sabiex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam. Tali kooperazzjoni għandha tinkludi t-teħid ta' passi sabiex jiffirmaw, jirratifikaw, jew jaderixxu mal-istrumenti internazzjonali rilevanti, kif xieraq, u jimplimentawhom bis-sħiħ, u l-kooperazzjoni msaħħa mal-Eurojust.
2. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, fir-rigward tan-negozjar, tar-ratifika u tal-implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet multilaterali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili, inklużi l-Konvenzjonijiet tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-litigazzjoni internazzjonali kif ukoll tal-protezzjoni tat-tfal.

ARTIKOLU 3.2

L-Infurzar tal-Liġi u l-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw fehmiet dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali, it-traffikar ta' bnedmin, il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, it-traffikar ta' armi tan-nar, inklużi l-munizzjon, il-partijiet u l-komponenti tagħhom, ir-reati ekonomiċi u finanzjarji, il-problema dinjija tad-droga, il-korruzzjoni, u l-falsifikazzjoni tal-mezzi ta' pagament f'konformità mal-leġislazzjoni u mal-obbligi internazzjonali rispettivi tagħhom, inkluż fir-rigward tal-assistenza legali reċiproka, tal-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u tat-taħriġ, u tal-irkupru ta' assi jew ta' fondi derivati minn attivitajiet kriminali.
2. Il-Partijiet għandhom ikomplu d-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-infurzar tal-liġi, inkluż permezz ta' kooperazzjoni strateġika mal-Europol, kif ukoll il-kooperazzjoni ġudizzjarja strateġika tagħhom, inkluż permezz tal-Eurojust u, meta rilevanti, ma' istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali oħrajn.
3. Il-Partijiet għandhom jagħmlu hilitom sabiex jikkollaboraw f'fora internazzjonali sabiex jippromwovu, kif xieraq, l-aderenza mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, adottata fil-15 ta' Novembru 2000 bir-Riżoluzzjoni 55/25 tan-NU (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“Konvenzjoni ta' Palermo”) u mal-Protokoll tagħha, u l-implimentazzjoni tagħhom.

4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, adottata fil-31 ta' Ottubru 2003 bir-Risoluzzjoni tan-NU 58/4 u jappoġġaw il-Mekkaniżmu għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni stabbilit mill-Konferenza tal-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni f'Doha, id-9-13 ta' Novembru 2009 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Mekkaniżmu għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni”), inkluż billi jaderixxu mal-prinċipju tat-trasparenza u tal-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-Mekkaniżmu għar-Rieżami tal-Implimentazzjoni.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-kummerċ u fl-investiment internazzjonali u, għal dak l-għan, jieħdu impenn favur il-Protokoll dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni li huwa anness ma' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 3.3

Ġestjoni tal-Migrazzjoni, tal-Ażil u tal-Fruntieri

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jiskambjaw esperjenzi u informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' migrazzjoni, fil-qafas tal-liġijiet, tar-regolamenti u tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, inklużi l-migrazzjoni regolari u irregolari, il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, il-migrazzjoni u l-iżvilupp, l-ażil, ir-riammissjoni, l-integrazzjoni, il-viżi, jiffaċilitaw il-migrazzjoni regolari, il-kontroll migratorju, u l-ġestjoni tal-fruntieri. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar il-protezzjoni tan-nisa u tat-tfal migranti, b'mod partikolari dawk mhux akkumpanjati, kif ukoll ta' gruppi vulnerabbli oħrajn.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari, sabiex jiġġieldu l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex irawmu migrazzjoni sikura, regolari u legali. Għal dak l-għan, fil-qafas tal-liġijiet u tar-regolamenti rispettivi tagħhom:

- (a) il-Messiku għandu jaċċetta lura lil kwalunkwe wieħed miċ-ċittadini tiegħu obbligati jirritornaw mit-territorju ta' Stat Membru, fuq talba ta' dan tal-aħħar u mingħajr formalitajiet ulterjuri, sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn ftehim speċifiku;
- (b) kull Stat Membru għandu jdaħħal lura kwalunkwe wieħed miċ-ċittadini tiegħu obbligati li jirritornaw mit-territorju tal-Messiku, fuq talba ta' dan tal-aħħar u mingħajr formalitajiet ulterjuri, sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn ftehim speċifiku;
- (c) l-Istati Membri u l-Messiku għandhom jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'dokumenti tal-ivvjaġġar xierqa għall-finijiet imsemmijin fil-punti (a) u (b), jew jaċċettaw l-użu tad-dokumenti tal-ivvjaġġar tal-Unjoni għall-finijiet ta' ritorn;
- (d) il-Partijiet għandhom jagħmlu hilitom sabiex jinnegozjaw ftehim speċifiku li jiddefinixxi l-obbligi dwar ir-riammissjoni ta' ċittadini, inklużi l-mezzi ta' evidenza dwar in-nazzjonalità. Il-kundizzjonijiet għar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom jiġu stabbiliti b'dak il-ftehim.

ARTIKOLU 3.4

Problema Dinjija tad-Droga

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw approċċ ibbilanċjat u integrat dwar kwistjonijiet ta' droga bl-għan li:

- (a) jgħaqqdu l-isforzi sabiex jiksbu l-implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjonijiet operazzjonali tas-Sessjoni Speċjali tal-2016 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-Problema Dinjija tad-Droga (UNGASS 2016);
- (b) jindirizzaw il-konsegwenzi soċjali u fuq is-saħħa tal-problema dinjija tad-droga, b'politiki mmirati lejn il-kisba ta' żvilupp sostenibbli, permezz ta' inizzjattivi komprensivi u bbażati fuq l-evidenza għat-tnaqqis tad-domanda fil-livelli kollha li jkopru b'mod partikolari l-programmi ta' prevenzjoni, ta' trattament, ta' riabilitazzjoni u ta' riintegrazzjoni soċjali;
- (c) jinvestu fit-trattament u fiż-żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar ir-risponsi tas-saħħa pubblika għall-użu tad-droga fost is-sistemi nazzjonali tas-saħħa;
- (d) isaħħu r-riċerka epidemjoloġika u jtejbu ulterjorment id-disponibbiltà u l-kwalità sistematiki tal-informazzjoni statistika fl-oqsma kollha tad-droga;

- (e) jiżguraw approċċ tas-saħħa pubblika li jippromwovi l-aċċess għal sustanzi kkontrollati għal skopijiet mediċi u xjentifiċi u d-disponibbiltà tagħhom, filwaqt li jipprevjeni d-diverżjoni tagħhom lejn is-suq illeċitu;
- (f) inaqqsu l-provvista, it-traffikar u d-domanda għal drogi illeċiti u għal sustanzi psikoattivi ġodda, inkluż permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u attivitajiet oħrajn ta' kooperazzjoni kif xieraq;
- (g) jintegraw perspettiva tal-ġeneri u tad-drittijiet tal-bniedem fil-politiki u fil-programmi kollha dwar id-droga;
- (h) iħeġġu l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal persuni li jkunu wettqu reati relatati mal-liġi dwar id-droga u mad-droga;
- (i) jindirizzaw id-devjazzjoni tal-prekursuri kimiċi, tas-sustanzi kimiċi u tal-prodotti essenzjali jew tal-preparati tagħhom li jinkludhom u użati għall-produzzjoni illeċita ta' drogi narkotiċi, ta' sustanzi psikotropiċi u ta' sustanzi psikoattivi ġodda.

2. Il-Partijiet għandhom jikkollaboraw sabiex jilhqqu dawk l-oġġettivi, inkluż, meta jkun possibbli, billi jħeġġu lil pajjiżi terzi li għandhom ma għamlux dan sabiex jirratifikaw u jimplimentaw konvenzjonijiet u protokolli internazzjonali eżistenti dwar il-kontroll tad-droga li għalihom huma parti. Il-Partijiet għandhom jibbażaw l-azzjonijiet tagħhom fuq il-liġijiet u fuq ir-regolamenti applikabbli tagħhom, fuq prinċipji aċċettati b'mod komuni f'konformità mal-konvenzjonijiet rilevanti tan-NU dwar il-kontroll tad-droga u fuq ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fid-dokument ta' eżitu tal-UNGASS 2016 intitolat "Our joint commitment to effectively addressing and countering the world drug problem", bħala l-aktar kunsens internazzjonali riċenti dwar il-politika dinjija dwar id-droga, sabiex jieħdu rendikont tal-implimentazzjoni tal-impenji meħudin sabiex tiġi indirizzata u miġġielda b'mod konġunt il-problema dinjija tad-droga, b'mod partikolari fid-dawl tad-data fil-mira tal-2019.

ARTIKOLU 3.5

Ħasil tal-Flus u Finanzjament tat-Terroriżmu

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw bl-għan li jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv l-użu tal-istituzzjonijiet finanzjarji tagħhom u ta' negozji u ta' professjonijiet deżinjati mhux finanzjarji għall-ħasil tar-rikavat minn attivitajiet kriminali u għall-finanzjament tat-terroriżmu. Għal dak l-għan, huma għandhom jiskambjaw informazzjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni rispettiva tagħhom u għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"FATF") u ta' standards oħrajn adottati minn korpi internazzjonali rilevanti attivi f'dan il-qasam. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi, fost l-oħrajn, l-irkupru, is-sekwestru, il-konfiska, it-traċċar, l-identifikazzjoni u r-ritorn ta' assi jew ta' fondi relatati ma' rikavati minn attività kriminali jew ma' finanzjament tat-terroriżmu.

ARTIKOLU 3.6

Ċiberkriminalità

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li ċ-ċiberkriminalità hija problema globali li teħtiegħ rispons globali. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki u tax-xejriet, f'konformità mal-leġislazzjoni rispettiva tagħhom, u l-istrumenti legali internazzjonali rilevanti dwar iċ-ċiberkriminalità. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien, kif xieraq, sabiex jipprovdu assistenza u appoġġ lil Stati oħrajn fl-iżvilupp ta' liġijiet, ta' politiki u ta' prattiki effettivi għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità.
2. Il-Partijiet għandhom, kif xieraq, f'konformità mal-leġislazzjoni rispettiva tagħhom, jiskambjaw informazzjoni, esperjenzi u l-aħjar prattiki f'oqsma bħall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-investigaturi taċ-ċiberkriminalità, it-tweġġ ta' investigazzjonijiet dwar iċ-ċiberkriminalità u tal-forensika diġitali b'enfasi fuq il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-protezzjoni ta' infrastruttura kritika bħas-setturi finanzjarji, tal-enerġija u tat-telekomunikazzjoni, fost l-oħrajn.

ARTIKOLU 3.7

Protezzjoni ta' Data Personali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni ta' data personali. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw ir-rispett ta' dawn id-drittijiet fundamentali inkluż fil-qasam tal-infurzar tal-liġi u meta jipprevjenu u jiġġieldu t-terroriżmu u reati tranżnazzjonali serji oħrajn.

2. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jippromwovu livell għoli ta' protezzjoni għad-data personali. Il-kooperazzjoni fil-livelli bilaterali u multilaterali tista' tinkludi l-bini tal-kapaċitajiet, l-assistenza teknika, l-iskambju ta' informazzjoni u ta' għarfien espert, u l-kooperazzjoni permezz ta' kontropartijiet regolatorji f'korpi internazzjonali kif miftiehem reċiprokament mill-Partijiet.

ARTIKOLU 3.8

Politika dwar il-Konsumatur

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u, għal dak l-għan, għandhom jagħmlu hilitom sabiex jikkooperaw fil-qasam tal-politika tal-konsumatur. Tali kooperazzjoni tista' tinvolvi sa fejn ikun possibbli:

- (a) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-oqfsa rispettivi tagħhom għall-protezzjoni tal-konsumatur, inkluż dwar il-liġijiet tal-konsumatur, is-sikurezza tal-prodotti għall-konsumatur, ir-rimedju għall-konsumatur u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni dwar il-konsumatur;
- (b) it-thegħiġ tal-iżvilupp ta' assoċjazzjonijiet tal-konsumatur indipendenti u ta' kuntatti bejn rappreżentanti tal-konsumatur.

ARTIKOLU 3.9

Protezzjoni Konsulari

Il-Messiku jaqbel li l-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE rappreżentat għandhom jipprovdu protezzjoni lil kwalunkwe ċittadin ta' Stat Membru tal-UE li ma jkollux rappreżentanza permanenti fil-Messiku li tkun effettivament f'pożizzjoni li tipprovdi protezzjoni konsulari f'każ partikolari, bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk ta' ċittadini ta' dak l-Istat Membru tal-UE.

ARTIKOLU 3.10

Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri u Protezzjoni Ċivili

Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jiġu ġestiti r-riskji ta' diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem kemm domestiċi kif ukoll globali. Il-Partijiet jafferaw l-impenn komuni tagħhom għat-titjib tal-miżuri ta' prevenzjoni, ta' mitigazzjoni, ta' tħejjija, ta' twissija bikrija, ta' rispons u ta' rkupru sabiex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetajiet u tal-infrastruttura tagħhom, u li jikkooperaw, kif xieraq, f'livell bilaterali u multilaterali sabiex jittejbu l-eżiti globali tal-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri allinjati mal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, f'koerenza mal-SDGs, mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Ftehim ta' Pariġi”) u mal-Aġenda Urbana l-Għdida.

KAPITOLU 4

ŻVILUPP SOSTENIBBLI

ARTIKOLU 4.1

Żvilupp Sostenibbli

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jiksbu żvilupp sostenibbli, kif espress fl-Aġenda 2030. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-iżvilupp sostenibbli fit-tul jeħtieġ tkabbir ekonomiku inklużiv, benessri soċjali u użu sostenibbli tar-riżorsi naturali. Dawk it-tliet dimensjonijiet huma rikonoxxuti bħala interkonnessi ħafna u jsaħħu lil xulxin.
2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fit-tliet dimensjonijiet tiegħu, dik ekonomika, dik soċjali u dik ambjentali, b'mod ibbilanċjat, inkluż l-użu responsabbli, effiċjenti u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, f'konformità mal-prijoritajiet u maċ-ċirkostanzi rispettivi tagħhom, kif ukoll iqajmu kuxjenza dwar il-kostijiet ekonomiċi u soċjali tad-danni ambjentali, ix-xejriet mhux sostenibbli tal-produzzjoni u tal-konsum, u l-impatt assoċjat tagħhom fuq il-benessri tal-bniedem.
3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli inklużiv tal-bniedem permezz ta' djalogu, azzjoni konġunta, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, governanza tajba fil-livelli kollha, u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi finanzjarji, filwaqt li jagħmlu l-aħjar użu possibbli mill-istrumenti finanzjarji eżistenti u jesploraw il-vijabbiltà tal-istabbiliment ta' oħrajn ġodda.

ARTIKOLU 4.2

Kooperazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli

1. L-objettiv ewlieni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp huwa li tiġi implimentata l-Aġenda 2030, fil-perspettiva multidimensjonali u ċċentrata fuq il-bniedem tagħha, u li jintlaħqu l-SDGs. Il-prinċipji ta' kooperazzjoni effettiva għall-iżvilupp kif deskritti mis-Sħubija Globali għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp, li tibni fuq id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effettività tal-Għajnuna, adottata fil-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effettività tal-Għajnuna f'Pariġi fit-2 ta' Marzu 2005 u l-Aġenda ta' Akkra għall-Azzjoni, approvata fil-Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effettività tal-Għajnuna f' Akkra fl-4 ta' Settembru 2008, huma għodod importanti sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-iżvilupp tagħha.

2. Il-Partijiet għandhom jindirizzaw l-isfidi relatati mal-ilħuq tal-SDGs billi jagħtu prijorità lill-ħtiġijiet ta' kull Parti u lis-sjieda nazzjonali, filwaqt li jqisu l-kuntest reġjonali, u l-bini ta' sinerġiji u ta' sħubijiet għall-iżvilupp ma' firxa ta' partijiet ikkonċernati fil-qasam, inklużi s-soċjetà ċivili, il-gvernijiet lokali, is-settur privat jew l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol ċentrali tal-Gvernijiet fil-promozzjoni tal-iżvilupp, il-Partijiet għandhom jikkooperaw ukoll sabiex jippromwovu l-adozzjoni mis-settur privat, b'mod partikolari mill-SMEs, ta' politiki dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-prattiki tiegħu.

3. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex itejbu b'mod progressiv l-effiċjenza tar-riżorsi globali u s-sostenibbiltà fix-xejriet tal-konsum u tal-produzzjoni, f'konformità mal-oqfsa internazzjonali miftehmin, u għandhom jagħmlu hilitom sabiex jieħdu azzjonijiet immirati lejn id-diżakkoppjar tat-tkabbir ekonomiku mid-degradazzjoni ambjentali.

4. Il-Partijiet għandu jkollhom djalogu ta' politika regolari dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-ilħuq tal-SDGs, ibbażat fuq prioritajiet komuni sabiex itejbu l-kwalità u l-effettività tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom, f'konformità mal-prinċipji aċċettati fuq livell internazzjonali tal-effettività tal-għajnuna u tal-iżvilupp.

5. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-integrazzjoni tal-konservazzjoni u tal-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika fil-pjanijiet, fil-programmi u fil-politiki settorjali u transsettorjali fis-setturi rilevanti kollha, u t-tisħiħ tal-oqfsa domestiċi legali, istituzzjonali u regolatorji jistgħu jikkontribwixxu għall-ġenerazzjoni ta' impatti pożittivi fuq id-diversità bijoloġika u fuq is-servizzi tal-ekosistema tagħha kif ukoll għall-ilħuq tal-iżvilupp sostenibbli. Bħala tali, il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex jintegraw il-perspettiva tal-bijodiversità fis-setturi rilevanti, kif applikabbli, sabiex itejbu l-isforzi għat-trażżin tat-telfien tal-bijodiversità u jtejbu l-benessri tal-bniedem.

6. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jwettqu attivitajiet konġunti, inkluż permezz ta' koordinazzjoni bilaterali f'fora multilaterali rilevanti, kif ukoll kooperazzjoni reġjonali u triangolari preferibbilment ibbażata fuq mekkaniżmi u fuq inizzjattivi eżistenti, fid-dawl tad-djalogu tagħhom dwar l-iżvilupp sostenibbli u tal-impenn tagħhom għall-Aġenda 2030. L-oqsma ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu:

- (a) l-implimentazzjoni tal-għanijiet u tal-miri tal-SDGs;
- (b) il-ħarsien tal-ambjent, fil-livelli kollha, inklużi l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;

- (c) it-tibdil fil-klima, ir-reżiljenza, il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u l-enerġija sostenibbli;
- (d) ir-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, inkluż il-bini tal-istabbiltà u tas-sigurtà, l-appoġġ għall-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-problema dinjija tad-droga u l-kriminalità organizzata tranżnazzjonali;
- (e) it-tkabbir inklużiv u l-ħolqien tax-xogħol;
- (f) il-governanza, inkluż it-tisħiħ tal-governanza fiskali, ekonomika, ambjentali u soċjali;
- (g) l-edukazzjoni, inklużi l-edukazzjoni għolja, it-taħriġ tekniku u vokazzjonali, il-bini tal-kapaċitajiet, l-innovazzjoni, u l-iskambji f'dawn l-oqsma; u
- (h) l-istrategġiji ta' parteċipazzjoni tas-settur privat.

7. Il-Partijiet għandhom ikomplu jiżviluppaw attivitajiet ta' kooperazzjoni triangolari sabiex jappoġġaw lil pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni tagħhom tal-SDGs, inklużi l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u pajjiżi oħrajn fil-fażi tal-iżvilupp f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, bħall-Istati Gżejjer Żgħir li Qed Jiżviluppaw (SIDS). F'dak ir-rigward, il-Partijiet għandhom jespjoraw modalitajiet innovattivi ta' involviment, inkluż għal pajjiżi li qed jiżviluppaw aktar avvanzati, kif xieraq. Il-kooperazzjoni triangolari għandha tikkonsisti fl-appoġġ ta' strategġiji mfasslin apposta u f'azzjonijiet maqbulin b'mod komuni bbażati fuq il-ħtiġijiet ta' pajjiżi terzi. Għal dak l-għan, il-Partijiet għandhom jiżviluppaw attivitajiet ta' kooperazzjoni koordinati bħall-assistenza teknika, it-taħriġ, il-bini tal-kapaċitajiet, il-kondiviżjoni tal-għarfien, u forum oħrajn ta' kooperazzjoni ddefiniti b'mod konġunt bejn il-Partijiet u mal-pajjiż terz riċevitur.

8. Kooperazzjoni bħal din tista' ssir permezz ta', fost l-oħrajn:
- (a) il-bini tal-kapaċitajiet u l-kondiviżjoni tal-għarfien permezz ta' korsijiet ta' taħriġ, workshops u seminars, l-iskambju ta' esperti, studji, u riċerka konġunta;
 - (b) il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji permezz ta' operazzjonijiet ta' taħlit fi sħubija mal-Bank Ewropew tal-Investment u ma' istituzzjonijiet eliġibbli Ewropej oħrajn ta' finanzjament għall-iżvilupp;
 - (c) il-kunsiderazzjoni ta' forom oħrajn ta' finanzjament għall-iżvilupp kif xieraq, b'enfasi fuq mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, bħall-kooperazzjoni triangolari; u
 - (d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiċi ta' effettività tal-iżvilupp.
9. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu r-responsabbiltà u t-trasparenza b'enfasi fuq it-titjib tar-riżultati tal-iżvilupp u jikkooperaw sabiex isaħħu s-sistemi nazzjonali sabiex jipprovdu servizzi sostenibbli u jintegraw kunsiderazzjonijiet dwar il-ġeneru fil-programmi u fl-istrumenti.
10. Il-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha titwettaq f'konformità mal-prinċipji u mal-politiki rilevanti li jkun sar qbil fuqhom fuq livell internazzjonali u li ż-żewġ Partijiet ikunu aderew magħhom.

ARTIKOLU 4.3

Aġenda Urbana Sostenibbli

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni ta' politiki li jippromwovu insedjamenti urbani sostenibbli, inklużi dawk derivati mill-Aġenda Urbana Ġdida, bl-għan li jiksibu bliet u insedjamenti umani fejn il-persuni kollha jkunu jistgħu jgawdu drittijiet u opportunitajiet indaqs, kif ukoll il-libertajiet fundamentali tagħhom, f'konformità mal-SDGs u mal-miri, b'mod partikolari l-Għan 11: "L-ibliet u l-insedjamenti umani jsiru inklużivi, sikuri, reżiljenti u sostenibbli".

ARTIKOLU 4.4

Żvilupp tal-Politika Reġjonali u Urbana

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-politiki li jippromwovu żvilupp territorjali u urban bilanċjat u sostenibbli bħala mezz sabiex jikkontribwixxu b'mod effettiv għall-implimentazzjoni tal-oġettivi tal-Aġenda 2030 u tal-Aġenda Urbana Ġdida.
2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-koooperazzjoni u s-sħubija li jinvolvu l-atturi ewlenin kollha fl-oqsma tal-iżvilupp reġjonali u territorjali u tal-iżvilupp urban sostenibbli, b'mod partikolari, dwar modi kif jiġu indirizzati l-isfidi territorjali u urbani b'mod integrat u komprensiv.
3. Il-Partijiet għandhom jiżviluppaw, kull fejn ikun possibbli, opportunitajiet konkreti għall-koooperazzjoni bejn reġjun u ieħor u bejn belt u oħra dwar soluzzjonijiet sostenibbli għall-isfidi reġjonali u urbani bl-għan li jtejbu l-bini tal-kapaċitajiet permezz ta' skambji ta' esperjenza u ta' prattika, u apprendiment reċiproku.

KAPITOLU 5

AMBJENT, TIBDIL FIL-KLIMA U ENERĠIJA

ARTIKOLU 5.1

Ambjent

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jipproteġu, jikkonservaw, jirrestawraw u jimmaniġġaw b'mod sostenibbli r-riżorsi naturali u d-diversità bijoloġika, inklużi l-ħamrija, l-art, il-foresti, l-ilma, l-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar, bħala bażi għall-iżvilupp sostenibbli li jappoġġa l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet kurrenti u futuri.
2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-governanza ambjentali globali u tar-regoli internazzjonali, inklużi l-ftehimiet ambjentali multilaterali, sabiex jindirizzaw l-isfidi ambjentali ta' tħassib komuni. Kull Parti tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li timplimenta l-ftehimiet ambjentali multilaterali li għalihom hija parti.

3. Il-Partijiet għandhom isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'oqsma prijoritarji miftehmin b'mod reċiproku dwar il-ħarsien tal-ambjent, il-konservazzjoni, l-użu responsabbli u effiċjenti u l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, u dwar l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ambjentali fis-setturi kollha ta' kooperazzjoni, inkluż f'kuntest internazzjonali u reġjonali. Dawk l-oqsma ta' prijorità jistgħu jinkludu:

- (a) il-promozzjoni ta' governanza ambjentali tajba, inklużi d-djalogu politiku u l-oqsma ta' kooperazzjoni bħall-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ambjentali tan-NU u ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, kif ukoll il-promozzjoni tal-konformità mal-liġi ambjentali;
- (b) l-identifikazzjoni ta' prijoritajiet bilaterali u t-trawwim tal-iskambju ta' informazzjoni, ta' għarfien espert tekniku, tat-trasferiment ta' teknoloġija u ta' għarfien, u tal-aħjar prattiki f'oqsma bħal:
 - (i) l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni ambjentali;
 - (ii) it-tekabbir ekoloġiku, inklużi l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-ekonomija ċirkolari, u l-finanzjament ekoloġiku;
 - (iii) l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-bijodiversità fis-setturi ekonomiċi u produttivi;
 - (iv) il-protezzjoni, il-konservazzjoni u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti;

- (v) il-protezzjoni, il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità inklużi l-immappjar u l-valutazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom, il-valutazzjoni tagħhom, u strumenti ekonomiċi oħrajn għall-protezzjoni tal-bijodiversità, kif ukoll l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tagħhom;
- (vi) id-degradazzjoni u d-deżertifikazzjoni tal-art;
- (vii) il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħsad u l-kummerċ illegali ta' organiżmi selvaġġi, ta' riżorsi tal-foresti, ta' riżorsi ġenetiċi, u l-appoġġ għall-kummerċ legali sostenibbli u traċċabbli tagħhom;
- (viii) l-immaniġġar tajjeb tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart;
- (ix) il-Ġestjoni integrata tar-Riżorsi tal-Ilma (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“IWRM”), il-politika dwar l-arja u l-ħamrija;
- (x) il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-ambjent kostali u tal-baħar u l-ekonomija blu sostenibbli;
- (xi) id-deżinjazzjoni, ir-rappreżentattività, il-ġestjoni effettiva u l-konnettività ta' żoni protetti, kif ukoll miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażata fuq iż-żona (OECMs), inklużi żoni marini protetti; u
- (xii) il-kollaborazzjoni mas-settur privat fl-oqsma msemmija f'dan il-punt, meta tkun possibbli.

ARTIKOLU 5.2

Tibdil fil-Klima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-theddida urġenti tat-tibdil fil-klima teħtieġ azzjoni kollettiva għal żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet u reżiljenti għall-klima, kif ukoll miżuri ta' adattament.
2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tar-regoli u tal-ftehimiet internazzjonali fil-qasam tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li saret fi New York fid-9 ta' Mejju 1992 (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“UNFCCC”) u l-Ftehim ta' Pariġi, u jenfasizzaw li l-implimentazzjoni tagħhom hija irriversibbli u jafferaw mill-ġdid l-impenji tagħhom skont dawn il-ftehimiet.
3. Il-Partijiet għandhom jaħdmu flimkien sabiex isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom skont il-UNFCCC, sabiex jimplimentaw il-Ftehim ta' Pariġi u l-kontribuzzjonijiet stabbiliti fil-livell nazzjonali tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħin l-“NDCs”), kif ukoll sabiex jistiednu lil pajjiżi oħrajn sabiex jagħmlu dan u jiżviluppaw l-istrateġiji fit-tul tagħhom ta' żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra.
4. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:
 - (a) l-iffaċilitar ta' aktar azzjoni, bħala kontribut għad-dibattiti nazzjonali u għall-ħidma politika;
 - (b) l-appoġġ għal żvilupp ekonomiku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;

- (c) l-estensjoni tal-NDCs f'politiki u f'miżuri nazzjonali tas-setturi li jkopru l-istrateġiji tas-setturi tat-trasport, tal-enerġija, tal-infrastruttura, tal-ippjanar urban, tal-użu tal-art u tal-investment, inkluża l-integrazzjoni tal-proċessi ta' adattament fl-istrateġiji tal-iżvilupp settorjali;
- (d) l-appoġġ għad-djalogu faċilitattiv u għad-definizzjoni bikrija ta' miżuri għar-rieżami tal-azzjoni klimatika fil-pajjiżi kollha;
- (e) l-iżvilupp tal-aġenda ta' trasparenza skont il-Ftehim ta' Pariġi, inkluż id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni f'oqsma prijoritarji miftehimin b'mod reċiproku;
- (f) it-tisħiħ ta' proċessi oħrajn bħall-istabbilizzazzjoni mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“ICAO”) tal-emissjonijiet internazzjonali tal-avjazzjoni fil-livelli tal-2020, l-adozzjoni u l-formulazzjoni tal-“Istrateġija komprensiva dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bastimenti” mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“IMO”), jew l-eliminazzjoni gradwali ambizzjuża tal-idrofluworokarburi (minn hawn 'il quddiem imsejħin “HFCs”) skont l-Emenda għall-Protokoll ta' Montreal dwar Sustanzi li Jnaqqsu s-Saff tal-Ożonu, adottata f'Kigali fil-15 ta' Ottubru 2016 inkluża r-ratifika tagħha u l-iżgurar tal-implimentazzjoni rapida tagħha sabiex tinkiseb eliminazzjoni gradwali globali ambizzjuża tal-konsum u tal-produzzjoni ta' HFCs;
- (g) Il-promozzjoni ta' politiki u ta' programmi domestiċi dwar il-klima fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi, inklużi l-promozzjoni tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-mekkaniżmi tas-suq u mhux tas-suq, l-iżvilupp ta' infrastruttura sostenibbli u reżiljenti għall-klima, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, it-trasport sostenibbli kif ukoll dawk li jindirizzaw l-effetti negattivi tad-deforestazzjoni, tad-degradazzjoni tal-foresti, tal-ħamrija u tal-ekosistemi kollha fuq il-klima.;

- (h) it-tisħiħ tas-sinerġiji mal-imprendituri, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-awtoritajiet lokali, li jikkomplementaw l-isforzi mwettqin mill-Istati;
- (i) il-parteċipazzjoni tas-settur privat lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;
- (j) il-promozzjoni ta' miżuri bbażati fuq is-suq sabiex jiġu introdotti l-ipprezzar tal-karbonju u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas;
- (k) it-tisħiħ tal-iżvilupp u tal-varar ta' teknoloġiji kummerċjalment vijabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet u ta' teknoloġiji oħrajn li ma jagħmlux ħsara lill-klima;
- (l) l-eliminazzjoni progressiva tas-sussidji għall-fjuwils fossili, u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bħall-investiment f'enerġiji rinnovabbli u f'soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija;
- (m) it-tisħiħ tad-djalogu bilaterali u tal-miżuri dwar l-adattament, il-mitigazzjoni u l-mezzi ta' implimentazzjoni, inklużi t-trasferiment tat-teknoloġija, il-bini tal-kapaċitajiet u l-finanzjament;
- (n) it-trawwim tal-kunsiderazzjoni tal-approċċi trażversali tal-ġeneru u taż-żgħażaġh fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 u tal-Ftehim ta' Pariġi;
- (o) il-promozzjoni ta' politiki dwar l-impatti klimatiċi fuq ir-riżorsi tal-ilma;

- (p) l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Pariġi dwar l-Ilma u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima fil-Baċiri tax-Xmajjar, tal-Lagi u tal-Akwiferi, ippreżentat fil-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima f'Pariġi fit-2 ta' Diċembru 2015 kif ukoll fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Lima-Pariġi mnedija fis-Summit dwar il-Klima fi New York fit-23 ta' Settembru 2014;
- (q) it-tiżni ta' skemi ta' kooperazzjoni sabiex jiġu żgurati NDCs futuri aktar ambizzjużi filwaqt li jitqies il-proċess ta' rendikont globali.

ARTIKOLU 5.3

Enerġija

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tas-settur tal-enerġija għall-prospertà ekonomika u għall-paċi u għall-istabbiltà internazzjonali u jenfasizzaw li t-trasformazzjoni tas-settur tal-enerġija hija kruċjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Aġenda 2030 u fil-Ftehim ta' Pariġi. Huma jirrikonoxxu l-ħtieġa li jtejbu u li jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija (inkluża l-promozzjoni tal-enerġiji rinnovabbli), li jippromwovu l-innovazzjoni, ir-riċerka, l-iżvilupp u t-taħriġ tar-riżorsi umani, kif ukoll li jżidu l-effiċjenza enerġetika sabiex isaħħu l-produttività tal-enerġija, is-sigurtà tal-enerġija, u enerġija sikura, sostenibbli u affordabbli. Il-Partijiet għandhom jaħdmu favur dawk l-oġettivi.
2. Il-Partijiet għandhom iżommu skambji ta' informazzjoni dwar l-enerġija u jikkollaboraw b'mod bilaterali, reġjonali u multilaterali sabiex irawmu swieq miftuħin u kompetittivi, jikkondividu l-aħjar prattiki, jippromwovu regolamentazzjoni trasparenti u bbażata fuq ix-xjenza, u jiddiskutu oqsma ta' kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tal-enerġija, bħal fil-qafas ta' fora, ta' mekkaniżmi u ta' inizjattivi internazzjonali.

KAPITOLU 6

AGRIKOLTURA, AFFARIJET MARITTIMI U SAJD

ARTIKOLU 6.1

Kooperazzjoni fl-Agricoltura u Żvilupp Rurali

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw, fost l-oħrajn, f' dawn:

- (a) il-politika dwar l-agrikoltura u ta' żvilupp rurali;
- (b) il-prospetti tas-suq agrikolu;
- (c) il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-azzjoni klimatika;
- (d) l-agrikoltura sostenibbli u reżiljenti billi jippromwovu sensibilizzazzjoni għall-
“Prinċipji għal Investiment Responsabbli fl-Agricoltura u fis-Sistemi tal-Ikel” u għal-
“Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, tas-Sajd
u tal-Foresti fil-Kuntest tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Ikel” tal-Kumitat dwar is-Sigurtà
Alimentari Dinjija;
- (e) it-trawwim tal-iżvilupp rurali permezz tal-bini tal-kapaċitajiet dwar kwistjonijiet relatati
mal-kummerċ, inklużi indikazzjonijiet ġeografiċi bħala dritt ta' proprjetà intellettuali;

- (f) il-biedja organika;
- (g) ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- (h) l-organizzazzjoni u l-iżvilupp ta' proċessi ta' produzzjoni sostenibbli fis-settur agroalimentari (l-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem);
- (i) l-organizzazzjoni u l-iżvilupp produttiv tal-komunitajiet rurali;
- (j) is-sigurtà alimentari;
- (k) il-prevenzjoni tat-telf ta' wara l-ħsad u tal-ħela tal-ikel;
- (l) ir-riċerka applikata għall-produzzjoni u għall-ġestjoni ta' prodotti agrikoli u tal-annimali; u
- (m) l-ipproċessar ta' prodotti agrikoli u tal-ikel.

ARTIKOLU 6.2

Affarijiet Marittimi u Sajd

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni sostenibbli u responsabbli tas-sajd, tal-akkwakultura u ta' attivitajiet marittimi oħrajn u l-kontribut tagħhom għall-provvista ta' opportunitajiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

2. Il-Partijiet għandhom isaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku fl-oqsma tas-sajd u tal-affarijiet marittimi.

3. Il-Partijiet għandhom, b'mod konsistenti mal-obbligi internazzjonali tagħhom:

- (a) jikkontribwixxu għat-titjib tas-sistema globali ta' governanza tal-oċeani, inkluż billi jneħħu l-lakuni regolatorji u ta' implimentazzjoni u jippromwovu r-ratifika u l-implimentazzjoni ta' strumenti rilevanti fis-setturi marittimi u tas-sajd ma' pajjiżi terzi;
- (b) jadottaw miżuri effettivi ta' monitoraġġ, ta' kontroll u ta' sorveljanza, bħal skemi ta' osservazzjoni, skemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti, kontroll tat-trażbord, spezzjonijiet fuq il-baħar u miżuri tal-istat tal-port u sanzjonijiet assoċjati, immirati lejn il-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut u l-prevenzjoni tas-sajd eċċessiv;
- (c) iżommu jew jadottaw azzjonijiet u jikkooperaw fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "IUU"), inkluż, fejn xieraq, l-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet IUU fl-ilmijiet tagħhom u l-implimentazzjoni ta' politiki u ta' miżuri li jeskludu prodotti IUU mill-flussi kummerċjali u mill-operazzjonijiet tat-trobbija tal-ħut;
- (d) jikkooperaw ma' u fi ħdan organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li għalihom iż-żewġ Partijiet ikunu membri, osservaturi, jew partijiet mhux kontraenti li jikkooperaw, bl-għan li jiksbu governanza tajba, inkluż billi jippromwovu deċiżjonijiet ibbażati fuq ix-xjenza u l-konformità ma' tali deċiżjonijiet f'dawk l-organizzazzjonijiet;

- (e) jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' produzzjoni sostenibbli, li huma ambjentalment responsabbli u ekonomikament kompetittivi, fl-industrija tal-akkwakultura tal-ilma ħelu u tal-marikultura;
- (f) isaħħu s-sikurezza u s-sigurtà tal-oċeani;
- (g) inaqqsu l-pressjonijiet fuq l-oċeani inkluż permezz tal-ġlieda kontra l-iskart tal-baħar;
- (h) jippromwovu l-ippjanar tal-ispazju marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali;
- (i) jappoġġaw ir-riċerka u l-bijoteknoloġija tal-baħar; u
- (j) skambju tal-aħjar prattiki dwar l-iżvilupp sostenibbli ta' attivitajiet ekonomiċi marittimi ta' interess reċiproku għall-Partijiet bħall-enerġija mill-oċeani, it-turiżmu kostali u marittimu.

KAPITOLU 7

POLITIKA EKONOMIKA

ARTIKOLU 7.1

Politiki Makroekonomiċi

Il-Partijiet għandhom isaħħu d-djalogu bejn l-awtoritajiet tagħhom dwar il-politiki u x-xejriet makroekonomiċi u jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni u ta' fehmiet dwarhom.

ARTIKOLU 7.2

Intrapriża u Industrija, inklużi Intrapriżi Żgħar u Medji

1. Il-Partijiet għandhom jippromwovu ambjent favorevoli għall-iżvilupp u għall-kompetittività mtejba tal-intrapriżi żgħar u medji (minn hawn 'il quddiem imsejħin "SMEs") u jippromwovu l-kooperazzjoni orizzontali fil-politika industrijali kif xieraq. Tali kooperazzjoni għandha tikkonsisti fi:

- (a) il-promozzjoni ta' kuntatti bejn l-operaturi ekonomiċi, it-tħeġġiġ ta' investimenti konġunti u l-istabbiliment ta' impriżi konġunti u ta' networks ta' informazzjoni permezz ta' programmi orizzontali eżistenti;

- (b) l-iskambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi dwar il-ħolqien ta' kundizzjonijiet qafas għall-SMEs sabiex itejbu l-kompetittività tagħhom u dwar proċeduri relatati mal-ħolqien tal-SMEs;
 - (c) l-iffaċilitar tal-attivitajiet stabbiliti mill-SMEs taż-żewġ naħat;
 - (d) l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar Industrija 4.0; u
 - (e) il-promozzjoni tar-responsabbiltà u l-obbligu ta' rendikont soċjali korporattivi u t-tneġġig ta' prattiċi kummerċjali responsabbli, inklużi l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli.
2. Il-Partijiet għandhom jiffaċilitaw u jappoġġaw l-attivitajiet ta' kooperazzjoni rilevanti stabbiliti mis-settur privat.

ARTIKOLU 7.3

Negozju u Drittijiet tal-Bniedem

Il-Partijiet għandhom jippromwovu r-responsabbiltà soċjali korporattiva, f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti, bħall-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju, fil-livell nazzjonali, kif ukoll sabiex jippromowvu l-bini tal-kapaċitajiet u l-iskambju ta' esperjenzi fil-livell internazzjonali.

ARTIKOLU 7.4

Materja Prima

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li approċċ trasparenti bbażat fuq is-suq huwa l-aħjar mod kif jinħoloq ambjent favorevoli għall-investiment fil-produzzjoni u fil-kummerċ tal-materja prima.
2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-materja prima f'ambjenti reġjonali jew multilaterali rilevanti jew permezz ta' djalogu bilaterali fuq talba ta' waħda mill-Partijiet, fuq il-bażi ta' interessi reċiproċi. Din il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li tneħħi l-ostakli għall-kummerċ fil-materja prima f'dawn il-kuntesti, issaħħaħ qafas globali bbażat fuq ir-regoli għall-kummerċ fil-materja prima, tippromwovi t-trasparenza fis-swieq globali għall-materja prima u tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli.
3. Kooperazzjoni bħal din tista' tinkludi skambji ta' informazzjoni fir-rigward ta' dawn:
 - (a) il-provvista u d-domanda, kwistjonijiet bilaterali dwar il-kummerċ u l-investiment kif ukoll kwistjonijiet dwar il-kummerċ internazzjonali;
 - (b) ostakli tariffarji u mhux tariffarji għal prodotti tal-materja prima, għas-servizzi u għall-investimenti relatati;
 - (c) l-oqfsa regolatorji rispettivi tal-Partijiet;
 - (d) it-teknoloġiji applikati għall-proċessi tal-produzzjoni u għall-użu tal-materja prima; u
 - (e) l-aħjar prattiki fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli tal-industrija tal-estrazzjoni, inklużi l-politika dwar il-minerali, l-ippjanar tal-użu tal-art, il-proċeduri għall-ħruġ tal-permessi, it-trasparenza u l-governanza.

ARTIKOLU 7.5

Statistika

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tal-istatistika, b'mod partikolari billi jippromwovu b'mod attiv il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:

- (a) iż-żieda tal-attenzenza f'laqgħat internazzjonali ta' livell għoli f'suġġetti ta' interess reċiproku;
- (b) l-armonizzazzjoni tal-metodoloġiji tal-istatistika sabiex tittejjeb il-komparabbiltà tad-data; u
- (c) il-produzzjoni u d-disseminazzjoni ta' statistika uffiċjali u l-iżvilupp ta' indikaturi.

ARTIKOLU 7.6

Trasport

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw u jsaħħu d-djalogu fl-oqsma rilevanti kollha tal-politika tat-trasport, inkluża l-politika integrata tat-trasport, bl-għan li jtejjbu l-moviment tal-merkanzija u tal-passiġġieri, jippromwovu s-sikurezza u s-sigurtà marittimi u tal-avjazzjoni u l-ħarsien tal-ambjent u jżidu l-effiċjenza tas-sistemi tat-trasport tagħhom.

2. Tali kooperazzjoni u djalogu jistgħu jinkludu:
- (a) l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki fir-rigward tal-politiki tat-trasport rispettivi tagħhom;
 - (b) it-tisħiħ tar-relazzjonijiet tal-avjazzjoni bejn il-Messiku u l-Unjoni inkluża l-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi konkluż ftehim dedikat dwar l-avjazzjoni;
 - (c) il-promozzjoni tal-għanijiet ta' aċċess mhux ristrett għas-swieq u għall-kummerċ marittimi internazzjonali, fuq il-bażi ta' kompetizzjoni ġusta u fuq bażi kummerċjali;
 - (d) l-iffaċilitar tat-trasport marittimu, tal-ktajjen tal-loġistika u tat-trasport multimodali sabiex jittejbu l-kompetittività u r-relazzjonijiet ekonomiċi;
 - (e) il-promozzjoni ta' kwistjonijiet tat-trasport relatati mal-ambjent;
 - (f) l-iffaċilitar tad-djalogu u tal-kooperazzjoni bejn l-esperti fi ħdan fora internazzjonali tat-trasport; u
 - (g) l-appoġġ għall-fluss elettroniku transfruntier ta' informazzjoni għall-promozzjoni ta' ambjent dinamiku għal servizzi tat-trasport effiċjenti u kosteffettivi.

KAPITOLU 8

EDUKAZZJONI, KULTURA U KWISTJONIJIET SOĊJALI

ARTIKOLU 8.1

Edukazzjoni

Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-koooperazzjoni u d-djalogu fl-oqsma rilevanti tal-edukazzjoni, inklużi:

- (a) it-tisħiħ tal-edukazzjoni terzjarja u l-edukazzjoni u t-taħriġ tekniċi u vokazzjonali;
- (b) iż-żieda fil-mobilità tal-istudenti, tar-riċerkaturi, tal-persunal akkademiku u amministrattiv minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja; u
- (c) it-trawwim tal-bini tal-kapaċitajiet fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja, inkluż it-titjib tal-mekkaniżmi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u tal-perjodi ta' studju barra mill-pajjiż.

ARTIKOLU 8.2

Kultura

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw f'fora internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-NU (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“UNESCO”), sabiex isegwu objettivi komuni u jrawmu d-diversità kulturali, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali, adottata mill-Konferenza Ġenerali tal-UNESCO f'Pariġi fl-20 ta' Ottubru 2005.
2. Il-Partijiet għandhom jippromwovu kooperazzjoni msaħħa fis-setturi u fl-industriji kulturali u kreattivi, inklużi teknoloġiji emerġenti u ġodda u l-media awdjoviżiva, sabiex itejbu, fost l-oħrajn, il-fehim reċiproku u l-għarfien tal-kulturi rispettivi tagħhom.
3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu skambji kulturali u għandhom iwettqu inizjattivi konġunti f'diversi oqsma kulturali fil-kuntest tal-oqfsa ta' kooperazzjoni disponibbli.
4. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-kooperazzjoni u l-inizjattivi konġunti relatati mal-ħolqien, mal-promozzjoni u mat-tixrid tal-kontenut diġitali fil-qasam artistiku u kulturali fi ħdan qafas legali li jirrikonoxxi u jistma l-ħidma tal-kreaturi, bħala mod kif jittejjeb l-aċċess universali għall-kultura u għall-komponenti tagħha.

5. Il-Partijiet għandhom iħeġġu d-djalogu interkulturali bejn l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-individwi.

6. Il-Partijiet jirrikonoxxu r-rwol tal-kultura kemm bħala faċilitatur kif ukoll bħala xprunatur tad-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali għall-prevenzjoni tal-kunflitti u għall-iżvilupp sostenibbli, filwaqt li għandhom iżommu f'moħħhom li l-industriji kulturali u kreattivi huma xprunaturi importanti tal-ekonomiji tal-pajjiżi żviluppati u pajjiżi li qed jiżviluppaw.

ARTIKOLU 8.3

Impjiegi u Kwistjonijiet Soċjali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-titjib tal-istandards tal-għajxien, il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-promozzjoni ta' xogħol deċenti għandhom ikunu fil-qalba tal-politiki soċjali u tal-impjiegi.

2. Il-Partijiet għandhom jirrispettaw u jippromwovu l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ILO") dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq il-Post tax-Xogħol, adottata mill-Konferenza Internazzjonali tax-Xogħol f'Ġinevra fit-18 ta' Ġunju 1998, u fil-Konvenzjonijiet korrispondenti tal-ILO li għalihom huma parti.

3. Il-Partijiet għandhom itejbu l-kooperazzjoni fil-qasam tal-impjiegi, tad-djalogu soċjali u tal-affarijiet soċjali u jippromwovu skambji ta' informazzjoni dwar l-impjiegi, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, kwistjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali.

ARTIKOLU 8.4

Bidla Teknoloġika Esponenzjali

Il-Partijiet għandhom jikkondividu t-tagħlimiet meħudin u l-aħjar prattiki sabiex jindirizzaw b'mod effettiv u komprensiv l-impatti tat-tibdil teknoloġiku esponenzjali, tal-awtomatizzazzjoni, u tal-implikazzjonijiet tagħha għall-implimentazzjoni sħiħa tal-SDGs.

ARTIKOLU 8.5

Koeżjoni Soċjali u Inklużjoni

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw sabiex itejbu l-koeżjoni soċjali permezz tat-tnaqqis tal-faqar fil-forom kollha tiegħu, tal-inugwaljanza u tal-esklużjoni soċjali kollha tiegħu bil-ħsieb li jintlaħqu l-SDGs globalment u jiġu promossi l-globalizzazzjoni ġusta, l-okkupazzjoni sħiħa, u x-xogħol deċenti għall-irġiel u għan-nisa kollha inkluż permezz ta' dawn:

(a) it-tiżiħ tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;

- (b) it-tħeġġiġ ta' aċċess ugwali u tan-nondiskriminazzjoni fil-politiki soċjali;
- (c) it-trawwim tal-innovazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali permezz tal-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki, u l-promozzjoni tad-djalogu u tar-riċerka f'dan is-settur; u
- (d) il-promozzjoni tas-solidarjetà tal-ekonomija soċjali għall-inklużjoni u għall-ġlieda kontra l-faqar.

ARTIKOLU 8.6

Saħħa

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tas-saħħa pubblika, inklużi l-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa, sabiex jgħollu l-livell tas-sikurezza tas-saħħa pubblika u jippromwovu kopertura universali tas-saħħa.
2. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:
 - (a) l-iskambju ta' informazzjoni u l-kollaborazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku;
 - (b) il-promozzjoni tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet internazzjonali dwar is-saħħa; u
 - (c) l-iffaċilitar ta' skambji, ta' fellowships u ta' programmi ta' taħriġ fl-oqsma msemmijin fil-paragrafu 1.

ARTIKOLU 8.7

Turiżmu

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tat-turiżmu. Tali kooperazzjoni għandha primarjament ikollha l-għan li ttejjeb l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki sabiex tiżgura l-iżvilupp ibbilanċjat u sostenibbli tat-turiżmu u tappoġġa l-ħolqien tal-impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku.

2. Kooperazzjoni bħal din għandha tiffoka fuq:

- (a) is-salvagwardja u l-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-wirt naturali u kulturali;
- (b) prattiki li jħeġġu t-turiżmu responsabbli u r-rispett tal-komunitajiet lokali;
- (c) l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar azzjonijiet sabiex jittejbu l-ħiliet u l-kompetenzi fis-settur tat-turiżmu;
- (d) il-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u tal-kooperazzjoni għall-industriji kreattivi u tal-innovazzjoni fis-settur tat-turiżmu; u
- (e) l-iskambju tal-aħjar prattiki bl-għan li jiġu integrati l-prinċipji tas-sostenibbiltà, b'mod partikolari l-bijodiversità, fit-turiżmu.

KAPITOLU 9

RIĊERKA, INNOVAZZJONI U EKONOMIJA DIĠITALI

ARTIKOLU 9.1

Riċerka u Innovazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jikkooperaw fil-qasam tar-riċerka xjentifika, tal-iżvilupp teknoloġiku u tal-innovazzjoni fuq il-bażi ta' interess u ta' benefiċċju reċiproku u f'konformità mal-leġislazzjoni rispettiva tagħhom. Tali kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, tindirizza l-isfidi globali tas-soċjetà, tikseb eċċellenza xjentifika, ittejjeb il-kompetittività reġjonali, kif ukoll issaħħaħ ir-relazzjonijiet bejn il-Partijiet, li jwasslu għal sħubijiet dejjiema. Il-Partijiet għandhom irawmu d-djalogu politiku fil-livelli bilaterali u reġjonali u jużaw l-istrumenti differenti tagħhom, inklużi l-ftehimiet għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, b'modi komplementari.

2. Il-Partijiet għandhom ifittxu li:

- (a) itejbu l-kundizzjonijiet għall-mobilità tar-riċerkaturi, tax-xjenzati, tal-esperti, tal-istudenti u tal-imprendituri u għall-moviment ta' materjal u ta' tagħmir bejn il-fruntieri;

- (b) jiffaċilitaw l-aċċess reċiproku għall-programmi tax-xjenza, tat-teknoloġija u tal-innovazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħin l-“STI”), għall-infrastrutturi u l-faċilitajiet tar-riċerka, għall-pubblikazzjonijiet u għad-data xjentifika ta' xulxin;
- (c) iżidu l-kooperazzjoni fir-riċerka u fl-istandardizzazzjoni prenormattivi; u
- (d) jippromwovu prinċipji komuni sabiex jiksbu livell adegwat u effettiv ta' protezzjoni u ta' infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali fi proġetti ta' riċerka u ta' innovazzjoni.

3. Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-attivitajiet li ġejjin li għandhom jitwettqu mill-organizzazzjonijiet tal-gvern, miċ-ċentri tar-riċerka pubbliċi u privati, mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terziarja, mill-aġenziji u min-networks tal-innovazzjoni, u minn partijiet ikkonċernati oħrajn, inklużi l-SMEs:

- (a) inizjattivi konġunti sabiex titqajjem kuxjenza fuq programmi dwar ix-xjenza, it-teknoloġija, l-innovazzjoni u opportunitajiet għall-bini tal-kapaċitajiet għall-parteċipazzjoni fil-programmi ta' xulxin;
- (b) laqgħat u workshops konġunti mmirati lejn l-iskambju ta' informazzjoni, tal-aħjar prattiki u l-identifikazzjoni ta' oqsma għar-riċerka konġunta;
- (c) azzjonijiet ta' riċerka konġunta f'oqsma ta' interess reċiproku;
- (d) valutazzjoni u evalwazzjoni rikonoxxuti reċiprokament tal-kooperazzjoni xjentifika u d-disseminazzjoni tar-risultati korrispondenti.

ARTIKOLU 9.2

Ekonomija Diġitali

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsejħin “ICT”) huma elementi importanti tal-ħajja moderna u huma ta' importanza vitali sabiex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-informazzjoni u tal-għarfien f'soċjetà sabiex jissaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku, edukattiv u soċjali. Il-Partijiet għandhom jiskambjaw fehmiet dwar il-politiki rispettivi tagħhom f'dan il-qasam.

2. Tali kooperazzjoni tista' tinkludi:

- (a) l-iskambju ta' fehmiet dwar l-aspetti differenti tal-politika tas-suq uniku diġitali, b'mod partikolari l-politiki u r-regolamentazzjoni tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluż l-aċċess għas-servizzi tal-broadband, il-protezzjoni tal-privatezza u tad-data personali, il-gvern elettroniku, il-gvern miftuħ, id-data miftuħa, is-sigurtà tal-internet, is-saħħa elektronika, u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji;
- (b) il-promozzjoni tal-ICT bħala mezz għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u kulturali, tal-inklużjoni soċjali u diġitali u tad-diversità kulturali, filwaqt li jiġi enfasizzat l-ispirtu intraprenditorjali u x-xogħol kollaborattiv parteċipattiv kif ukoll tiġi stimolata l-konnettività fl-iskejjel u jiġu żviluppati networks ta' riċerka u akkademiċi;
- (c) l-iżvilupp tal-interkonnessjoni u tal-interoperabbiltà tan-networks ta' riċerka, tal-infrastrutturi u tas-servizzi tal-computing u tad-data xjentifika, inklużi dawk f'kuntest reġjonali;

- (d) il-kooperazzjoni fil-qasam tal-gvern elettroniku u tas-servizzi fiduċjarji bħall-firma elettronika u l-identifikazzjoni elettronika (eID), b'enfasi fuq l-iskambju ta' prinċipji ta' politika, ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki dwar l-użu tal-ICTs għall-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika, għall-promozzjoni ta' servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja, għat-titjib tal-effiċjenza organizzazzjonali u għall-ġestjoni trasparenti tar-riżorsi pubbliċi;
- (e) l-iskambju ta' informazzjoni dwar standards, valutazzjoni tal-konformità u approvazzjoni tat-tip; u
- (f) il-promozzjoni tal-iskambju u tat-taħriġ ta' speċjalisti, b'mod partikolari professjonisti żgħażaġh.